REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2253

tat-2 ta' Diċembru 2015

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqha, jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-prodotti.

(3) Skont dawn ir-regoli ġenerali, il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta'din it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jiġi pprovdut li l-informazzjoni tariffarja vinkolanti maħruġa fir-rigward tal-prodotti kkonċernati minn dan ir-Regolament li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tista', għal ċertu perjodu, tibqa' tiġi invokata mid-detentur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 [2]. Dak il-perjodu għandu jkun ta' tliet xhur.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness jiġu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda skont il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

L-informazzjoni tariffarja vinkolanti li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.
[2] Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1).

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Diċembru 2015.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Heinz ZOUREK

Direttur Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali

ANNESS

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Oġġett (hekk imsejjaħ "lqugħ għall-fewġa" jew "siġill għal qiegħ il-bieb") li jikkonsisti minn bażi tal-aluminju b'qisien ta' madwar 100 × 3 cm u lanżit tal-plastik b'tul ta' madwar 2 cm u b'dimensjoni trasversali ta' aktar minn 1 mm imwaħħla mal-bażi. Il-bażi mgħottija b'film awtoadeżiv fuq naħa waħda. Il-bażi titwaħħal ma' qiegħ bieb permezz tal-film adeżiv. Il-lanżit jagħlaq ix-xaqq bejn qiegħ il-bieb u l-art, u jżomm milli jgħaddu kurrenti tal-arju, ħmieġ eċċ. (*) Ara l-istampa.	3926 90 97	Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-Regoli Ġenerali 1, 3(b) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u l-kliem tal-kodiċi NM 3926, 3926 90 u 3926 90 97. Fid-dawl tal-karatteristiċi oġġettivi tal-oġġett, huwa maħsub biex jingħalaq ix-xaqq bejn il-bieb u l-art biex jiġi evitat id-dħul ta' kurrent ta' arja, ħmieġ, eċċ. Mhuwiex maħsub biex jintuża bħala xkupilja għat-tindif. Il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 9603 bħala xkupi u xkupilji hija għalhekk esklużа. L-oġġett magħmul minn oġġetti kompiżiti, jiġifieri il-bażi tal-aluminju, il-lanżit tal-plastik u l-film adeżiv. Il-lanzit jagħti lill-oġġett il-karattru essenzjali tiegħu minħabba s-sehem tal-lanzit f'relazzjoni mal-użu tal-prodott. Il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 7616 bħala oġġetti oħra tal-aluminju għalhekk hija esklużа wkoll. Għalhekk il-prodott għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 3926 90 97, bħala prodotti oħra magħmulin minn diversi tipi ta' plastik.

(*) L-istampa hija purament għal informazzjoni.

